**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 568/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**vs**
**Jean Paul Chetcuti**

**Illum 7 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jean Paul Chetcuti, detentur tal-karta tal-identita' nru 305486M.

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Gunju, 2019, fil-hinijiet ta' filghodu, gewwa fond 'Mandville', Flat nru 11 fi Triq il-Qroll, f'San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' ommu Antonia Chetcuti f'periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa, hekk kif iccertifikat minn Dr. Daniel Cassar MD, bi ksur tal-Aritkolu 221(1), 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 7 ta' Novembru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, certifikat mediku mmarkat bhala Dok GS1, current incident report immarkat bhala Dok GS2, referral for domestic violence unit mmarkat bhala Dok GS3.

Semghet ix-xhieda ta' Antonia Chetcuti u l-Ispettur Godwin Scerri.

**Ikkunsidrat:**

Illi peress li ma hemmx prova minghajr dubju dettat mir-raguni stante li l-allegata vittma ghazlet li ma tixhidx, il-Qorti ma tistax issib htija.

**Decide:**

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet, rat id-dokumenti, semghet il-provi, fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**